**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 02 ta' April, 2025**

**Rikors Guramentat Nru: 341/2014 AF**

**Dr. John Buttigieg**

**Rose mart Dr. Joseph Brincat**

**Dr. Emmanuel Buttigieg**

**Carmen mart Joseph Houlton**

**Monica mart Herman Magro**

**Gaetana mart John Wismayer**

**B'verbal tas-seduta tas-6 ta' Ottubru 2020, il-Qorti ordnat li l-atti tal-kawża jgħaddu f'isem Matthew Wismayer u Rachel Calleja Wismayer, stante l-mewt ta' Gaetana Wismayer**

**John Joseph Bezzina**

**Julie Anne li'verbal tal-Qorti tal-5 ta' Ġunju 2023, ġie ordnat li**
**l-kunjom ta' Julie Anne Friggieri jinbidel f'Bezzina mart Norbert Friggieri**

**vs**

**Carmelo Formosa u fil-verbal tas-seduta tat-13 ta' Novembru 2014, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li jissejhu fil-kawza John Formosa, Nazzareno Formosa, Frances Sammut, Lorenza Sciberras u Maria Gatt**

**u fil-verbal tal-20 ta' Gunju 2018, il-Qorti laqghet it-talba u awtorizzat l-assunzjoni tal-atti minn Francis Formosa u John Formosa**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi Dr. John Buttigieg, Rose mart Dr. Joseph Brincat, Dr. Emmanuel Buttigieg, Carmen mart Joseph Houlton, Monica mart Herman Magro, Gaetana mart John Wismayer, John Joseph Bezzina u Julie Anne mart Norbert Friggieri, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-atturi huma l-proprjetarji tar-razzett maghruf bhala Ta' Puldu u r-raba mieghu tal-kejl ta' 35 (hamsa u tletin) tmien, 3 (tlett) sieghan u 4.63 (erba' punt tlieta u sittin) qasab.

L-atturi jikru l-imsemmija razzett u raba lill-konvenuti bil-qbiela ta' €70 (sebghin Ewro) fis-sena.

Il-konvenut naqas li jiehu kura u li jzomm stat ta' manutenzjoni tajba dan ir-razzett u r-raba matul il-kirja u minhabba dan in-nuqqas dawn gralhom hsarat kbar u ntensivi u dana skond kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-istess konvenut huwa responabbli ghall-hsara rizultanti fir-razzett u raba hawn fuq imsemmi proprjetà tal-atturi.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi kif fuq inghad, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, u

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi d-danni li jigu hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu 2013.

Il-konvenut hu ingunt in subizzjoni u sabiex jixhed.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat Carmelo Formosa, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Fl-ewwel lok ir-rikorrenti ghandhom jipprovdu prova tat-titolu taghhom fir-rigward tal-proprjetà in kwistjoni.

Ir-razzett in kwistjoni mhuwiex formanti u qatt ma kien parti mill-qbiela li qeghdin jirreferu ghaliha r-rikorrenti fir-rikors taghhom.

Il-pretensjoni tar-rikorrenti hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-intimat ma kkaguna l-ebda danni la fir-raba mqabbla lilu u wisq anqas fir-razzett mertu tal-kawza.

Stante li l-intimat mhuwiex responsabbli ghall-ebda danni, m'ghandu jhallas l-ebda danni.

Salv eccezzjonijiet ohra hekk kif permessi mil-ligi.

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Novembru 2014 issejħu fil-kawża John Formosa, Nazzareno Formosa, Frances Sammut, Lorenza Sciberras u Maria Gatt.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-imsejħin fil-kawża li permezz tagħha eċċepew illi:

Fl-ewwel lok ir-rikorrenti ghandhom jipprovdu prova tat-titolu taghhom fir-rigward tal-proprjetà in kwistjoni.

Ir-razzett in kwistjoni mhuwiex formanti u qatt ma kien parti mill-qbiela li qeghdin jirreferu ghaliha r-rikorrenti fir-rikors taghhom.

Il-pretensjoni tar-rikorrenti hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-intimati ma kkagunaw l-ebda danni la fir-raba mqabbla lilhom u wisq anqas fir-razzett mertu tal-kawza.

Stante li l-intimati mhumiex responsabbli ghall-ebda danni, m'ghandhomx ihallsu l-ebda danni.

Salv eccezzjonijiet ohra hekk kif permessi mil-ligi.

Rat illi fl-udjenza tas-6 t'Ottubru 2020 il-Qorti ordnat it-trasfużjoni tal-atti minn Gaetana Wismayer li mietet fil-mori tal-kawża għal Matthew Wismayer u Rachel Calleja Wismayer.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet dwar it-tieni eċċezzjoni tal-intimat u tal-kjamati fil-kawża dwar l-eżistenza o meno ta' titolu ta' kera fuq ir-razzett mertu tal-kawża.

Rat li b'deċiżjoni in parte tas-17 ta' Frar 2021 din il-Qorti laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-intimat u tal-kjamati in kawża u lliberathom mill-osservanza tal-ġudizzju in kwantu d-dar jew razzett u ordnat il-prosegwiment tal-kawża dwar ir-raba.

Rat illi b'digriet tal-20 ta' Jannar 2023 il-Qorti laqgħet it-talba tal-kjamati in kawża u in vista tas-sentenza mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-14 ta' Lulju 2021 fl-ismijiet premessi liema sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) b'sentenza tas-6 t'April 2022, u awtorizzathom jippreżentaw eċċezzjoni ulterjuri. Ai termini tal-istess digriet ordnat ukoll l-allegazzjoni tal-atti tal-kawżi msemmija.

Rat illi ai termini tar-rikors tagħhom tat-30 t'Novembru 2022 il-kjamati in kawża eċċepew ulterjorment illi:

Il-mertu ta' din il-kawża jikkostitwixxi "res judicata" u li din l-Onorabbli Qorti għandha għalhekk tiddeklina li tieħu konjizzjoni taċ-ċitazzjoni attriċi - u dan b'referenza għas-sentenza tal-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021),

bin-numru ta' referenza 9/2013 SG fl-istess ismijiet surreferiti, kkonfermata permezz ta' sentenza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), datata sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022).
Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Ġunju 2023 il-Qorti ordnat illi kunjom ir-rikorrenti Julie Anne Friggieri għandu jinbidel f'Bezzina.

Rat li l-kawża tħalliet għat-trattazzjoni tal-eċċezzjoni ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Semgħet it-trattazzjoni finali dwar l-eċċezzjoni ulterjuri.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tar-*res judicata*.

Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż l-atti allegati.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għad-danni. L-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti ssib lill-konvenut u lill-imsejħin fil-kawża responsabbli għad-danni allegatament ikkawżati fir-razzett u raba proprjetà tagħhom imqabbla lill-konvenut u lill-imsejħin fil-kawża jew min minnhom.

B'sentenza in parte tas-17 ta' Frar 2021 din il-Qorti laqgħet it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-intimat u mill-kjamati in kawża u ddikjarat illi r-razzett in kwistjoni mhuwiex formanti u qatt ma kien parti mill-qbiela li qegħdin jirreferu għaliha r-rikorrenti fir-rikors tagħhom. Il-kawża pprosegwiet bil-partijiet iressqu l-provi tagħhom rigwardanti r-raba msemmija mir-rikorrenti fir-rikors promotur.

Intant, skont ma jirriżulta mill-atti allegati, preċedentement għall-intavolar tal-kawża in diżamina, senjatament b'rikors tad-9 t'Awwissu 2013 ir-rikorrenti pproċedew ġudizzjarjament fil-konfront tal-intimat u tal-kjamati in kawża. Fil-kawża bin-numru 9/2013 SG fl-ismijiet Dr. John Buttigieg et noe vs Carmelo Formosa intavolata quddiem il-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba, ir-rikorrenti ppremettew u talbu hekk:

*"Illi l-intimat ikkaġuna ħsarat fl-imsemmija razzett u raba' kif ukoll …*

*Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu umilment lil dan il-Bord illi għar-raġunijiet premessi jogħġbu jawtorizzahom illi ma jġeddux il-qbiela ta' l-imsemmija razzett u raba' a favur ta' l-intimat u li jordna lill-intimat illi fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss jiżgombra minn dan ir-razzett u raba'."*

Fis-sentenza tiegħu tal-14 ta' Lulju 2021, il-Bord osserva illi:

*"… t-talba tar-rikorrenti qed issir fuq is-segwenti kawżali:*

*i. Ħsarat fir-raba';*
*ii. Ksur tal-kundizzjonijiet tal-kirja;*
*iii. Ċessjoni jew sullokazzjoni lil terzi;*
*iv. Użu divers tal-għalqa billi qed jużawha għall-insib u kaċċa.*

*Il-Bord ser jibda biex iqis l-ewwel kawzali, u cioè dik tal-hsarat fir-raba'. Fir-rigward ta' din il-kawzali, il-membri teknici kkonkludew li l-hitan tas-sejjieh in generali, kienu fi stat tajjeb, ghajr zewg selhiet taht il-medda tal-pajpijiet tal-fuel, li l-intimat qed jikkontesta li m'humiex responsabilità tieghu, izda tal-ESSO (Enemalta).*

*Mix-xhieda rrizulta li l-intimati, qatt ma setghu jahdmu r-raba' fejn hemm dawn il-pajpijiet. Irrizulta wkoll li dawn il-pajpijiet kienu jimblukkaw parti kbira minn wahda mill-ghelieqi. Mill-provi, gie muri li parti minn dawn il-hitan, huma appogg ma' parti mill-ghalqa li hija mizghuda bil-pajpijiet tal-ESSO, u mhux appogg mar-raba' li tinhadem mill-intimati. L-intimat Nazzareno Formosa, kien dejjem konsistenti fix-xhieda tieghu, fis-sens li dik ir-raba' qatt ma setghet tinhadem, u lanqas kienu jaccedu ghaliha, filwaqt li sostna li kien hemm arrangement mal-ESSO maghmul mis-sidien. Irrizulta wkoll li dawn il-pajpijiet, ilhom hemm snin twal, tant li Nazzareno Formosa dejjem jiftakarhom hemm sa minn ckunitu.*

*Il-Bord ha konjizzjoni tal-argumentazzjoni mressqa mir-rikorrenti dwar dawn il-pajpijiet u l-hsarat ezistenti fil-hitan ta' madwarhom. Madanakollu, il-fatt li dawn il-pajpijiet ma baqghux jintuzaw mill-ESSO jew mill-Enemalta, ma jfissirx li b'daqshekk, l-intimati kellhom l-obbligu li jnehhu dawn il-pajpijiet, jibdew jahdmu din ir-raba', u jaghmlu l-hsarat necessarji fil-hitan. Ma jirrizultax li l-intimati kienu involuti fl-arrangamenti li kienu saru mal-ESSO. Semmai, kienet responsabbilità tas-sidien li jirregolaw u jirrimedjaw tali sitwazzjoni. In oltre, kwalunkwe argumentazzjoni ohra mressqa mir-rikorrenti fin-noti ta' sottomissjonijiet taghhom dwar dawn il-pajpijiet, u li ma tirrizultax mill-provi prodotti, mhijiex ser tigi kkunsidrata minn dan il-Bord.*

*Gialadarba, irrizulta li l-kumplament tal-hitan kienu mizmuma tajjeb, u anke rrizulta li fejn kien hemm xi hitan li twaqqghu fir-rimanenti ghelieqi, dawn ittellghu, dan il-Bord ma jqisx li din il-kawzali giet ippruvata ghas-sodisfazzjon tieghu."*

Wara li kkunsidra s-siwi tal-bqija tal-ilmenti mressqa mir-rikorrenti l-Bord ċaħad it-talbiet *in toto*.

Sar appell. Fis-sentenza tagħha tas-6 t'April 2022 il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet fir-rigward tal-ilment tar-rikorrenti dwar il-ħsarat fil-ħitan:

*L-ewwel aggravju: [ħsarat fil-ħitan]*

*9. L-appellanti filwaqt li jagħmlu riferiment għall-konklużjoni tar-rapport tal-perit Edgar Rossignaud maħtur mill-Bord, jissottomettu li mix-xhieda tiegħu in eskussjoni u mir-ritratti li għalihom huwa għamel riferiment, jirriżulta li hemm slieħi f'mill-anqas tmien ħitan tas-sejjieħ. Jirrilevaw ukoll li wieħed ma setgħux jifhmu x'ried jgħid il-Perit Rossignaud meta qal li kien hemm slieħi taħt il-medda tal-pajpijiet tal-fuel, u dan għaliex taħthom kien hemm l-art kif evidenti mir-ritratti esebiti mar-rapport tiegħu. Jissottomettu li l-Perit Rossignaud ammetta wkoll li hemm slieħi oħra fejn jgħaddu*

*dawn il-pajpijiet, iżda qal li huwa ma ħadhomx in konsiderazzjoni għaliex l-intimat Nazzareno Formosa qallu li l-ħajt ma kienx tiegħu iżda kien mikri lill-Enemalta. L-appellanti jsostnu li l-Enemalta fil-fatt ma kinitx kriet il-ħajt, iżda minflok kienet titħallas kumpens żgħir sabiex il-pajpijiet ġew imqegħda fir-raba', imma bl-ebda mod ma jmissu mal-ħajt li kien bogħod metru kif kidher fir-ritratti 02, 06, 18 u 22 tar-rapport peritali. Isostnu li l-ħajt kien mikri lill-appellati u mhux lill-Enemalta, u l-appellati ma kienu ressqu l-ebda prova sabiex jikkontradixxu dan, anki billi jħarrku lil Enemalta stess. Jissottomettu li l-Bord kien jaf bil-ħsarat kbar fil-ħajt u kkonstatahom, iżda lanqas biss indaga jekk l-appellati kienux ġustifikati legalment li ma jwettqux tiswijiet fuq il-ħajt minħabba il-viċinanza tal-pajpijiet tal-fuel. Jgħidu li ċertament dawn il-ħsarat ma ġewx ikkawżati mill-Enemalta jew mill-Esso, għaliex il-pajpijiet kienu qegħdin fuq pilastri metru 'l bogħod mill-ħajt. L-appellanti hawn jagħmlu riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ġunju, 2011 fl-ismijiet Salvina mart Angelo Mercieca vs. Margaret xebba Attard, fejn kienet iddikjarat li hija kienet lesta li timponi ssanzjoni massima tal-evizzjoni sabiex tassigura l-obbligu tal-bidwi li jżomm il-ħitan tar-raba' fi stat tajjeb ta' riparazzjoni bħala missier tajjeb tal-familja. Għal dak li jirrigwarda l-osservazzjoni tal-Bord li ma kienux tressqu provi sabiex jintwera li l-ġibja kienet tagħmel parti mir-razzett, jgħidu li din tinstab taħt il-bitha tar-razzett kif jirriżulta mill-pjanta tal-Perit Rossignaud, u għalhekk ma kien hemm bżonn l-ebda prova.*

*10. L-appellati jirrilevaw li kif spjegat minnhom stess, kemm fid-deposizzjonijiet tagħhom u anki kif seta' jiġi kkonstatat waqt l-aċċess tal-Perit Tekniku, parti minn dawn il-ħitan huma appoġġ ma' parti mill-għalqa li minn fuqha jgħaddu l-pajpijiet u li ma tinħadimx minnhom. Spjegaw li s-sidien kienu saħansitra ġew ikkumpensati mill-ESSO jew Enemalta għal dan. Komplew jgħidu li l-appellat Nazzareno Formosa kien spjega li huma ma setgħux jaħdmu r-raba' li minn fuqha jgħaddu l-pajpijiet, għaliex ma kienx possibbli li huma jaċċedu għaliha u anki għaliex ma kinitx tagħmel parti mill-*

*konċessjoni tagħhom, stante li l-ħitan huma appoġġ mal-pajpijiet. Madankollu l-appellati jgħidu li l-appellanti qegħdin jallegaw li hekk kif ma baqgħux jintużaw dawn il-pajpijiet, huma kellhom l-obbligu li jressquhom biex ikunu jistgħu jieħdu ħsieb il-ħajt, meta r-responsabbiltà baqgħet tal-Esso jew tal-Enemalta, anki meta din ma baqgħetx tagħmel użu mill-pajpijiet. Iżda l-appellati jgħidu li huma qatt ma kienu jafu bl-arranġament mal-ESSO, u jagħmlu riferiment għal dak li qal il-Bord li "semmai, kienet responsabbilità tas-sidien li jirregolaw u jirrimedjaw tali sitwazzjoni". L-appellati jirrilevaw li kif jirriżulta mir-rapport peritali, il-ħitan mwaqqa' fl-għelieqi l-oħra kienu reġgħu nbnew kif kellu jsir. Għal dak li jirrigwarda r-rapport peritali, l-appellati jsostnu li dan mhux l-istadju li fih wieħed jikkritikah, u l-appellanti kellhom kull opportunità li jitolbu kjarifika. L-appellanti jgħidu li dan kollu juri b'mod ċar dak li qegħdin jittentaw jagħmlu l-appellanti, jiġifieri li jerġgħu jagħmlu l-apprezzament tal-provi.*

*11. Skont dak li osserva l-Bord dwar il-konklużjoni li waslu għaliha l-Membri Tekniċi tiegħu, b'mod ġenerali l-ħitan tas-sejjieħ huma fi stat tajjeb, għajr għal żewġ selħiet taħt fejn kienu għaddejjin il-pajpijiet. Dan tgħid il-Qorti jikkontrasta sew mas-sottomissjonijiet tal-appellanti, meta huma jispjegaw l-ewwel aggravju tagħhom, fejn saħansitra jgħidu li hemm ta' mill-anqas slieħi fi tmien ħitan tas-sejjieħ, u anki ħsara fil-ħajt man-naħa tal-wied li minn Ħal Għaxaq jibqa' sejjer sa Birżebbuġa.*

*12. Il-Bord sewwa kkonsidra li l-appellat Carmelo Formosa kien qed isostni li l-ħitan taħt il-medda tal-pajpijiet ma kienux responsabbiltà tiegħu, iżda tal-ESSO jew tal-Enemalta. Sewwa kkonsidra wkoll li rriżulta mix-xhieda tal-appellati li huma qatt ma setgħu jaħdmu r-raba' fejn jinstabu l-pajpijiet li kienu jagħlqu parti kbira minn għalqa minnhom. Il-Qorti taċċetta li dan ma jistax ikun mod ieħor stante l-ingombru ovvju tal-pajpijiet[1], u anki meħud in*

[1] Ara affidavit tal-appellat Nazzareno Formosa a fol. 401, u tal-appellati l-oħra li jsegwu.

*konsiderazzjoni l- fatt li skont diversi xhieda kien hemm ukoll saħansitra passaġġ minn fejn kienet tgħaddi persuna sabiex tgħasses u tispezzjona l-pajpijiet.*[2]

*13. Il-Bord korrettement ikkonstata li mill-provi irriżulta li wħud mill-ħitan in kwistjoni jinsabu appoġġ ma' parti minn għalqa miżgħuda bil-pajpijiet tal-ESSO jew tal-Enemalta, u mhux appoġġ mar-raba' li jaħdmu l-appellati. Dan il-Qorti tifhmu sew stante li jirriżulta b'mod ċar mir-ritratti annessi mar-rapport tal-Perit Tekniku. Il-Bord irrileva wkoll li l-appellat Nazzareno Formosa, filwaqt li dejjem kien konsistenti fix-xhieda tiegħu, kien qal u dan kif il-Qorti tgħid wieħed jista' jifhem malajr, li dak ir-raba' qatt ma seta' jinħadem u saħansitra lanqas kienu jaċċedu għalih. Il-Qorti tosserva li l-appellati Nazzareno Formosa u John Formosa, fil-kontro-eżami rispettiv tagħhom iddikjaraw li l-pajp ma kienx għaddej mir-raba' tagħhom, u huma kienu jaħdmu mill-passaġġ minn fejn kien jgħaddi raġel jew watchman sabiex jgħassess il-pajpijiet, 'il ġewwa.*[3] *Il-Bord qies ukoll li l-istess appellat Nazzareno Formosa żied jgħid li kien hemm ftehim bejn l-ESSO jew l-Enemalta, u s-sidien.*

*14. Il-Qorti tosserva li l-appellanti mhumiex qegħdin jikkontestaw dawn il-fatti, iżda jibqgħu jinsistu anki f'dan l-istadju tal-appell, li l-ħajt tal-għalqa li jiġi taħt il-pajpijiet, jiġifieri li jaqa' 'l isfel minnhom, huwa proprju r-responsabbiltà tal-appellati. Iżda l-Qorti tgħid li dan ma jistax ikun meta saħansitra huwa inaċċessibbli għalihom, kif jirriżulta wkoll mir-ritratti esebiti mar-rapport tal-Perit Tekniku membru tal-Bord.*

*15. Il-Bord osserva wkoll li kien irriżulta li l-pajpijiet kienu ilhom hemm għal snin twal, u Nazzareno Formosa ddikjara li dejjem kien jiftakarhom hemm sa minn meta kien żgħir. Filwaqt li qal li huwa kien osserva wkoll l-argumenti miġjuba*

[2] Ara xhieda kontro-eżami Nazzareno Formosa a fol. 493 et seq.

[3] Ara xhieda in kontro-eżami tal-appellat Nazzareno Formosa seduta 13.11.19 a fol. 429-430; xhieda l-appellat John Formosa sedutra 13.11.19 a fol. 440; xhieda in kontro-eżami u ri-eżami tal-appellat Nazzareno Formosa seduta 04.11.20 a fol. 493 et seq.

*mill-appellanti dwar l-imsemmija pajpijiet u l-ħsarat fil-ħitan ta' madwarhom, iddikjara li ġaladarba dawn ma baqgħux jintużaw mill-ESSO jew mill-Enemalta, ma kienx ifisser li b'hekk l-appellati kellhom l-obbligu li jneħħuhom u jibdew jaħdmu r-raba' u jagħmlu t-tiswija dovuta. Il-Qorti hawn għandha tgħid li tikkondividi pjenament il-fehma tal-Bord, għaliex kien dejjem jispetta lis-sidien li jieħdu l-inizjattiva dwar iċ-ċirkostanzi ġodda hekk kif allegatament il-pajpijiet m'għadux qed isir użu minnhom. Il-Bord tajjeb għalhekk ikkonstata li ma kienx jidher li l-appellati kienu nvoluti fl-arranġament li s-sidien kellhom mal-ESSO, u kien proprju l-obbligu tas-sidien li jirregolaw u li jirrimedjaw is-sitwazzjoni. Il-Qorti hawn ukoll tikkondividi l-fehma tal-Bord, u tgħid li jekk l-appellanti riedu li l-għalqa tinħadem kollha u b'hekk anki l-parti fejn hemm il-pajpijiet u sar passaġġ bir-riġel, huma kellhom jagħmlu ċar ir-rieda tagħhom lill-appellati, li fin-nuqqas ma setgħu qatt jagħmlu dan minn jeddhom. Peress li l-Bord sab li l-bqija tal-ħitan kienu miżmuma fi stat tajjeb u reġgħu ttellgħu fejn kienu waqgħu, qies li ma kienx sodisfatt li din l-ewwel kawżali kienet ġiet ippruvata. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet mirquma tiegħu, il-Qorti ma ssibx li l-konklużjoni tal-Bord hija waħda żbaljata jew b'xi mod difettuża.*

*16. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-ewwel aggravju tal-appellanti ġustifikat, u tiċħdu.*

Wara li kkunsidrat l-aggravji kollha l-Qorti tal-Appell (Inferjuri) ddisponiet mill-appell billi ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti u kkonfermat is-sentenza appellata fl-intier tagħha.

In vista tas-sentenzi appena ċitati, l-intimat u l-kjamati in kawża eċċepew ulterjorment illi l-mertu tat-talbiet tar-rikorrenti f'din il-kawża jikkostitwixxi *res judicata*.

Jiġi sottolineat illi f'dan l-istadju l-Qorti mhijiex ser tinoltra fil-kwistjoni rigwardanti l-mertu tad-danni, iżda ser tillimita ruħha illi tissindika jekk l-eċċezzjoni ulterjuri hijiex t'ostakolu jew le għall-prosegwiment tal-kawża.

In tema legali jiġi osservat illi din l-eċċezzjoni hija radikata fl-interess pubbliku, maħsuba sabiex tħares iċ-ċertezza ta' jeddijiet li jkunu diġà ġew determinati b'sentenza. Fl-istess waqt din l-eċċezzjoni tagħmilha aktar diffiċli illi jingħataw sentenzi konfliġġenti dwar l-istess materja, jew agħar minn hekk li jitħallew miftuħa kwistjonijiet li jservu ta' dannu għal dawk id-drittijiet ġa determinati b'sentenza.

Meta l-Qorti tiġi biex teżamina l-azzjoni ta' *res judicata*, kif ritenut mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Novembru, 2007, fl-ismijiet Martin Gauci et v. K.M.L. Manufacturing Limited:

> "*Ma jidhirx li huwa inopportun li jigi dejjem imfakkar illi l-exceptio judicati hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija strictissimae interpretationis. Tant illi, kif jissokta jinghad, b'citazzjoni minn sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Palermo (3 ta' Marzu 9 ) "la cosa giudicata deve risultare chiara ed evidente, e non desumersi da argomenti più o meno forzati, o da inesattezze affermate dal magistrato con poca ponderazione; e nel dubbio il giudice non deve propendere per la cosa giudicata" Ara d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Kummercjali, tal-5 ta' Novembru 1934 in re: "Francesca Aquilina -vs- Neg. Giuseppe Gasan et" mil-liema din is-silta hi mehuda. Taghlim dan riaffermat b' appro azzjoni fis-sentenza ta' l-istess Qorti tal- ta' Ottubru 992 fil-kawza fl-ismijiet "Dottor Jose` Herrera nomine -vs- Anthony Cassar et nomine*."

Dan minħabba l-eċċezzjonalità tagħha li xxellef il-prinċipju li l-ġudikat jagħmel stat għal kull effett ta' liġi bejn il-partijiet.

F'materja ta' ġudikat sabiex jiġi determinat jekk dan kienx jeżisti f'ġudizzju preċedenti jeħtieġ li jiġu sodisfatti tliet rekwiżiti oġġettivi li jridu jikkonkorru:-

*i.* *eadem res*, jiġifieri l-identità tal-oġġett tal-ġudizzju;

*ii.* *eadem causa petendi*, jiġifieri l-fatt ġuridiku li minnu jitwieled id-dritt reklamat;

iii. *eadem personae*, jiġifieri, li l-ġudizzju jkun bejn l-istess partijiet u fl-istess kwalità.

Għandu jingħad illi dawn it-tlett elementi huma kumultattivi u mhux alternattivi għal xulxin bil-konsegwenza illi jekk jirriżulta nieqes imqar wieħed mill-elementi, tapplika l-massima legali *nisi omnia concurrunt, alia res est*.

Sabiex din l-eċċezzjoni titmexxa b'suċċess huwa imperattiv illi ċ-ċirkostanzi fil-kawża li għaddiet in ġudikat ikunu identiċi għal dawk tal-kawża riproposta. Jekk jirriżulta tibdil fiċ-ċirkostanzi ma jkunx possibbli li tintlaqa' l-eċċezzjoni u l-kawża tkun tista' terġa tiġi riproposta mingħajr xkiel. Il-prinċipju kardinali jibqa' dejjem dak illi f'każ ta' dubju l-eċċezzjoni trid tiġi miċħuda.

Rigward l-*eadem res*, din timplika li l-oġġett mitlub fit-talba l-ġdida hu identiku għat-talba preċedenti li ġiet determinata minn sentenza li għaddiet in ġudikat. Illi għalhekk wieħed għandu jeżamina jekk il-pretensjonijiet imressqa permezz ta' l-azzjoni attriċi ġewx deċiżi jew le minn sentenza li tkun għaddiet in ġudikat. Jingħad dan għaliex m'għandux ikun hemm ostakolu għal kawża li fiha jkun qiegħed jintalab xi ħaġa differenti minn dak li jkun intalab fis-sentenza preċedenti. Għandu jingħad ukoll illi dak illi jeħtieġ jiġi stabbilit huwa jekk l-oġġett tat-talba huwiex identiku u dan għaliex anki jekk l-oġġett huwa simili fiż-żewġ kawżi, dan il-fattur m'għandux ixekkel il-prosegwiment tal-kawża.

Fi ftit kliem dak illi jirrikjedi dan l-element huwa li jiġi meqjus jekk il-punt sollevat fil-kawża l-ġdida kienx diġà trattat u deċiż fil-kawża preċedenti.

It-talba tar-rikorrenti fil-kawża tal-lum hija dwar danni naxxenti minn allegat nuqqas ta' manutenzjoni da parti tal-intimat li lilu tinsab mqabbla r-raba mertu ta' din il-kawża. Fil-kawża quddiem il-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba, fost il-kawżali tar-rikorrenti kien hemm proprju l-ħsarat fir-raba. Kif ġie riprodott aktar il' fuq, il-Bord stħarreġ din il-kwistjoni bir-reqqa u kkonkluda, anki abbażi tar-rapport redatt mill-esperti tekniċi

membri tal-Bord, illi l-ħitan kienu miżmuma fi stat tajjeb ta' manutenzjoni.

Ferm il-premess, ma hemm ebda dubju li l-punt sollevat mir-rikorrenti f'din il-kawża diġà ġie trattat u deċiż fil-kawża preċedenti. Għalhekk, il-Qorti tqis illi l-ewwel element tal-azzjoni jirriżulta sodisfatt.

Rigward l-*eadem causa petendi*, dan l-element jirrikjedi li l-kawżali tat-talba l-ġdida tkun ibbażata fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talba li diġà ġiet trattata u deċiża. Ta' rilevanza f'dan ir-rigward huwa dak illi osservat din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Marzu 2000 fl-ismijiet Crocifissa Sammut et vs Joseph Spiteri. Ingħad hekk:

> *"Illi f'dan il-kuntest huwa opportun li jinghad illi fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna din il-kwistjoni hija konkordi li l-gudikat jifforma ruhhu mhux biss ghar-rigward ta' dak li gie diskuss espressament, imma anki ta' dak li messu gie diskuss, mill-parti li kellha tiddiskutih biex issostni d-domanda jew l-eccezzjonijiet taghha; u l-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversità tal-motivi tal-'causa petendi'. ("***Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited" - FGC. 4 ta' Gunju 1999***).*
>
> *Illi fis-sentenza "***Carmelo Bonello vs Onor. Edgar Cuschieri nomine***" (***Ap. 6 ta' Marzu 1950 - XXXIV.I.74***) li kienet sentenza dwar appell mill-Bord li Jirregola l-Kera 'il giudicato si forma non solo in ordine a ciò che fu espressamente discusso, ma ancora a quanto avrebbe dovuto discutersi e non discusso dalla parte che doveva discutere la propria istanza ed eccezzione' (***Cesare Baldi, Manuale Prattico di Diritto Civile, Vol. 1, p.818***).*
>
> *L-istess inghad fis-sentenza '***Antonio Dagri vs Emanuele Dingli***' (Ap. 27 ta' April 1953) u cioè li 'hu pacifiku li l-gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li, in meritu ghall-azzjoni, kien missha, jew setghat giet sollevata in relazzjoni ghall-azzjoni stess'. L-istess inghad fis-sentenza '***Carmelo***

***Camilleri vs Spiru D'Amato'* (*Ap. 2 ta' Marzu 1956 - XL. I. 65*)** *'li ma jistax ikun lecitu lill-appellant li jerga' jipproponi l-istess domanda biex jinnewtralizza l-imsemmija decizzjoni precedenti, billi jgib 'il quddiem ragunijiet jew provi li kien jaf bihom, u li seta' u messu jgib fil-kors tal-process l-iehor. Jekk ma ghamilx hekk 'imputet sibi'; u l-imsemmija sentenza tal-15 ta' Gunju 1955 ma tistax tigi injorata u mqeghda fil-genb ghar-ragunijiet pre-ezistenti ghall-prolazzjoni taghha, allegati serotinament'. L-istess gie ritenut fis-sentenza '***Carmelo Panzavecchia vs Constantino Caruana' - 11 ta' Gunju 1956 - XLB. 1. 555***).*"

Fil-kawża deċiża mill-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba l-oġġett tal-kawża kien jittratta nuqqas da parti tal-intimat u l-kjamati in kawża *qua* l-persuni li lilhom tinsab mikrija r-raba, illi jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tal-ħitan li jdawwru r-raba. Din l-istess raba bil-ħitan li jdawwruha u l-allegata nuqqas ta' manutenzjoni tagħhom tifforma wkoll il-mertu tal-proċeduri odjerni.

Għalhekk, anki t-tieni element tal-eċċezzjoni jirriżulta ampjament sodisfatt.

L-aħħar element tal-azzjoni jirrikjedi li s-sentenza li tkun għaddiet in ġudikat tkun bejn l-istess persuni bħal dawk fil-kawża riproposta. F'dan il-każ għandu japplika l-prinċipju illi s-sentenzi għandhom effett unikament *inter partes*. Dan ifisser illi jekk parti ma kienitx parteċipi jew rappreżentata fil-kawża li għaddiet in ġudikat ma jistax jingħad illi hija marbuta b'dik id-deċiżjoni.

M'hemmx dubju li l-partijiet fiż-żewġ kawżi huma l-istess. Għall-fini ta' kompletezza f'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li anki jekk fil-mori tal-kawża saret it-trasfużjoni tal-ġudizzju stante l-mewt ta' Gaetana Wismayer, jibqa' l-fatt li din it-trasfużjoni tal-atti saret favur l-eredi tagħha li allura daħlu fiż-żarbun tad-decujus.

Sodisfatti t-tlett elementi li jsawwru l-eċċezzjoni, il-Qorti tqis l-eċċezzjoni bħala mistħoqqa. Għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' l-

eċċezzjoni ulterjuri u konsegwentement tastejni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet.

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, din il-Qorti qegħda tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri u tiddikjara l-azzjoni bħala milquta mill-eċċezzjoni ta' *res judicata*. Konsegwentement, qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tat-talbiet u tal-eċċezzjonijiet.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG